**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

**SEDUTA NRU. 17 - IT-TNEJN, 12 TA' DIĊEMBRU 2011**

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-8:35am.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joseph Woods | Viċi *Chairperson* |
| | Maria Vella | Membru |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Joseph Pierre Bonello | Membru |

## 1. APOLOĠIJI

1.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li s-Sur Bonello kien infurmaha li ma setax jattendi u li ma setax javża bil-miktub minħabba li kellu problemi bl-*emails*.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

2.1. Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel kienu meqjusa moqrija.

2.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-*CHAIRPERSON*

3.1. Iċ-*Chairperson* Cuomo infurmat li kienet waslitilha petizzjoni mingħand xi residenti biex jitneħħew l-iskips ta' Triq ix-Xambekk. Is-Sinj. Muscat ipproponiet li għandhom jitneħħew iżda ma kienx hemm qbil dwar x'jista' jsir minnhom u/jew jekk ikunx ta' benefiċċju jew le għar-residenti. Wara diskussjoni, fuq proposta tal-Viċi *Chairperson*, kien hemm qbil li deċiżjoni dwar dan għandha tkun ikkunsidrata fil-laqgħa li jmiss.

3.2. Is-Sinj. Cuomo infurmat li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien intrabat li jgħaddi s-somma ta' €8,000 biex isiru dwal fi Triq San Franġisk t'Assisi.

3.3. Is-Sinj. Cuomo ppreżentat korrispondenza mingħand is-Sur Tonio Miggiani fejn qed jallega li bozza fi Triq Baħar iċ-Ċagħaq (il-parti t'isfel) ilha maqtugħa minn Ottubru. Hija spjegat li hemm kwistjoni dwar taħt min taqa' r-responsabbiltà ta' din il-bozza. Is-SE se jindaga dwarha.

3.4. Il-Kumitat kien mgħarraf miċ-Chairperson li qed ikun hemm diversi lmenti minħabba ċ-Ċirklu fi *Splash and Fun* u li allegatament qiegħed fil-post

mingħajr permess. Hija infurmat li s-Sur Kevin Morris qed jieħu ħsieb isegwi l-każ. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat komunikazzjoni lill-Onor. Mario Demarco b'kopja lill-Onor Prim Ministru u l-Onor Chris Said.

3.5. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kienet waslitilha talba biex tkun miżbura siġra tal-ħarrub fi Triq il-Wirt Naturali. Hija ppreżentat ukoll ritratt ta' din is-siġra tisporġi sewwa fit-triq.

3.6. Is-Sinj. Cuomo ppreżentat kopja ta' ittra mingħand l-Ombudsman dwar ilment li sar dwar parti minn Triq id-Dwieli. L-Ombudsman kien qiegħed iqis il-każ magħluq filwaqt li jirrakkomanda lir-residenti li l-ewwel trid issir talba mir-residenti lil Transport Malta biex tkun iffurmata dik il-parti tat-triq in kwistjoni.

## 4. L-ATTIVITÀ TAL-MILIED

4.1. Is-Sinj. Maria Vella infurmat li kienet tkellmet mas-Sinjura Vella li toffri *story telling* u li lesta tagħmel nofs siegħa *story telling*. Kien hemm qbil li din għandha timmira li tibda fil-5:15pm.

4.2. Kien hemm diskussjoni wara li s-Sur Woods u s-Sinj. Vella lmentaw li l-informazzjoni lir-residenti se tasal wisq tard. Is-Sinj. Cuomo infurmat li hija kienet għamlet minn kollox biex l-informazzjoni tasal qabel iżda ma kienx possibbli min-naħa tal-amministrazzjoni. Hija infurmat li dan seta' kien minħabba li din id-darba kien hemm ix-xewqa li l-istampar isir bil-kulur u li hija kellha r-riservi dwar dan minħabba spejjeż.

4.3. Is-SE saħaq li s-Sinj. Cuomo kienet ipprovdiet l-informazzjoni kollha fil-ħin u li għalhekk żgur li ma kellha l-ebda forma ta' ħtija dwar dan. Huwa semma li d-dewmien kien dovut għall-fatt li fil-Kunsill kien hemm żewġ persuni inqas ikkumplimentata mal-fatt li kien hemm l-avveniment tal-Milied tal-Kunsill. Huwa kkonferma wkoll li, minħabba li din id-darba l-membri tal-Kumitat xtaqu li jkun stampat bil-kulur, la darba ma kienx possibli li jsir *in-house*, l-amministrazzjoni kellha bilforsi tibda billi titlob l-istimi u tikkordina d-disinn mill-ġdid minħabba li dak li kien diġà tlesta *in-house* ma kienx adegwat għal xogħol ta' *offset printing*. Fl-istess waqt huwa saħaq ukoll li se jkun tqassam ġimgħa qabel u li kien jemmen li kien żmien tajjeb biżżejjed għal attività bħal din.

4.4. Dwar l-ikel il-Kumitat kien infurmat li l-membri Maria Vella u Evelyn Muscat se jieħdu ħsieb jagħmlu xi kejkijiet filwaqt li Joe Woods se jirranġa biex jipprovdi x-xorb.

4.5. Kien hemm qbil li t-tiżjin isir ġurnata qabel l-attività fl-4pm.

4.6. Is-SE intalab ukoll biex jordna s-servizzi ta' fotografu.

## 5. IL-FESTIVAL TAL-ĠELATI

5.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kienet saret l-ewwel laqgħa fit-22 ta' Novembru fis-6:30pm biex ikun diskuss dan l-avveniment.

5.2. Iċ-*Chairperson* infurmat li s-Sur Mario Cuomo u Joe Bonello kienu fasslu pjanta tal-post biex ikun jista' jsir kalkolu ta' kif u kemm jistgħu jiddaħħlu *stalls.*

5.3. Is-Sinj. Cuomo ppreżentat ukoll lista' ta' parteċipanti prospettivi biex tkun tista' tintbagħtilhom stedina għal dan l-avveniment.

5.4. Is-Sinj. Vella infurmat li kien hemm possibbiltà li jipparteċipaw ukoll Benna Ltd.

5.5. Kien qiegħed isir tentattiv ukoll biex jinġieb il-*blood donation unit* u jsir arranġament mal-parteċipanti biex kull min jagħti d-demm jingħata kupun li jissarraf f'ġelat.

5.6. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kienet għamlet kuntatt ma' *band* li kienu lesti li jiġu bla ħlas iżda jkunu jeħtieġu t-trasport.

5.7. Kien hemm qbil li l-attività ssir bejn l-10am u l-10pm.

5.8. Is-Sinj. Muscat irrakkomandat li tinġieb it-terramaxka. Is-Sur Woods se jindaga biex possibilment din tinġieb.

## 6. *i*SCHOOL F'BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

6.1. Is-Sur Woods informa li kellu din l-idea ta' skola pilota ta' innovazzjoni biex tfal ta' bejn it-8 u t-12-il sena jitgħallmu jiġġeneraw u jikkomunikaw l-ideat. Il-ħsieb huwa li dan isir darba fil-ġimgħa. Dan għandu jkun tagħlim b'mod informali u li jagħmel it-tfal aktar kreattivi.

6.2. Għall-bidu l-ħsieb huwa li jkun hemm bejn 10 u 15-il tifel/tifla u li għandu jibda fit-tielet ġimgħa ta' Jannar.

6.3. Fuq rakkomandazzjoni tas-Sinj. Cuomo, biex ikun hemm impenn akbar mir-residenti, kien hemm qbil li possibilment issir laqgħa mal-ġenituri ħalli jkun spjegat lilhom il-benefiċċji ta' din l-inizjattiva.

## 7. IL-ĠNIEN TA' BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

7.1. Kienu diskussi l-latrini u kif dawn jistgħu jkunu moħbija kemm jista' jkun biex joffru l-inqas impatt possibbli fuq ir-residenti tal-faċċata.

7.2. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kienet ingħatat l-assigurazzjoni li se jitħawwlu biżżejjed xitel biex il-faċċata tkun mgħottija.

7.3. Kien ikkonfermat li qed isir dak kollu possibbli biex ix-xogħol ikun lest kollu sal-20 ta' Diċembru għalkemm jista' jkun li l-inawgurazzjoni uffiċjali ssir f'Jannar 2012.

## 8. PROGRAMM TA' XOGĦLIJIET TA' BANKINI

8.1. Is-SE informa li l-Kunsill diġà għandu kuntratt eżistenti u li jidhirlu li huwa fl-interess tal-Kumitat li jutilizza lilu għax inkella l-proċess jitwal ħafna iżjed jekk jiddeċiedu li jagħmlu sejħa ġdida għall-offerti.

8.2. Is-SE informa wkoll li kienu meħtieġa permessi mingħand Transport Malta.

## 9. PJAN TA' ŻVILUPP GĦAL BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

9.1. Is-Sur Woods ippreżenta numru ta' proposti għal Pjan għal Baħar iċ-Ċagħaq biex ikun il-bażi għal viżjoni għal Baħar iċ-Ċagħaq sas-sena 2020. Dan il-programm jinkludi ħames punti għal titjib infrastrutturali u punti għat-tkabbir tal-identità fil-lokalità. Dwar tal-aħħar il-proposti jinkludu taħdidiet għall-komunità, korsijiet, komunikazzjoni effettiva u anki attivitajiet soċjali.

9.2. L-abbozz għandu jkun ippreżentat u diskuss f'laqgħat futuri biex, kif ikun finalizzat, ikunu jistgħu jsiru r-rappreżentazzjonijiet neċessarji lill-Ministeri u l-awtoritajiet konċernati.

9.3. Minħabba li waħda mill-proposti tinkludi mixtla ta' siġar indiġeni, is-SE informa li kienet saret talba min-naħa tal-Parks tal-MRRA għal min jixtieq jagħmel xi ħaġa simili u għalhekk se jibgħat jinfurmahom dwar dan.

9.4. Is-SE intalab jagħmel tentattiv biex jinbidel il-*bus shelter* li hemm fi Triq il-Kosta minħabba l-istat li jinsab fih.

## 10. IS-SITWAZZJONI TAŻ-ŻONA TAL-I*SCOUTS*

10.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kienet saret laqgħa fuq il-post wara li kienet ġiet infurmata li l-i*scouts* ta' B'Kara kienu talbu lill-Gvern Ċentrali biex jinbena ċint mad-dawra tal-art fir-responsabbiltà tal-i*scouts* iżda waqt il-laqgħa kien ġie stabbilit li l-i*scouts* kienu talbu żona ferm ikbar milli suppost u għalhekk ix-xogħol li kellu jsir twaqqaf.

10.2. Fid-dawl tad-deċiżjoni msemmija qabel (para. 9.3) kien hemm qbil li eventwalment jintalab ċint li jdawwar iż-żona li possibilment għandha ssir fiha l-mixtla.

## 11. ĦWEJJEĠ OĦRA

11.1. Is-Sinj. Muscat fakkret fit-tabella tan-*no entry* li għandha titpoġġa fi Triq Xatt il-Palm.

11.2. Is-Sinj. Muscat talbet ukoll għall-kunsiderazzjoni ta' installazzjoni ta' bozza fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi. Hija kienet infurmat li din kienet diġà ġiet diskussa f'laqgħa preċedenti u kien hemm qbil li, minħabba li m'hemmx residenti, m'għandiex tkun installata bozza.

11.3. Is-Sinj. Muscat infurmat li kien hemm dawl imdawwar fi Trejqet il-Kampanjol.

11.4. Is-Sinj. Muscat talbet biex isir it-tindif tal-kanal fi Triq id-Dwieli minħabba li allegatament qed jimblokka l-ilma tax-xita. Is-Sinj. Cuomo infurmatha li kienet saret laqgħa fuq il-post fil-preżenza tal-Periti tal-Kunsill fejn kien stabbilit li l-kanal mhu qed iwassal għal imkien u għalhekk it-tindif tiegħu ma kienx jagħmel differenza.

11.5. Is-Sinj. Muscat irrappurtat li kien infetaħ parti minn ħajt li jdawwar il-plot bejn Triq l-Iskall u Triq is-Sikka allegatament minn kuntrattur biex ħadem fuq żvilupp biswit. Għandhom isiru r-rapporti meħtieġa biex dan il-ħajt jerġa' jittella' kif kien.

11.6. Is-Sinj. Cuomo fakkret li kien hemm iċ-ċint fi Triq ir-Ridott li għadu ma ġiex irranġat.

11.7. Is-Sinj. Cuomo waslulha rapporti li meta sar it-tindif mill-kuntrattur tal-ġonna l-ħaddiema tefgħu l-ħaxix li qatgħu fis-sit viċin il-pompa tad-drenaġġ. Jekk dan hu l-każ m'għandux ikun aċċettat.

11.8. Is-Sinj. Cuomo fakkret fil-bżonn tat-tibdil tal-*boards* tal-*bring in sites* speċjalment fi Triq is-Sikka.

11.9. Is-Sinj. Cuomo kellha rapporti li r-reċipjenti tal-ħmieġ tal-klieb mhux qed jitbattlu.

11.10. Is-Sinj. Cuomo fakkret li l-mera ta' Triq Xatt il-Palm kellha titneħħa u titpoġġa fi Triq id-Dwieli.

11.11. Is-Sinj. Vella rrappurtat li l-kuntrattur mhux qed jiġbor il-borża l-griża minn Triq Qalet Marku ma' Triq id-Dwieli.

11.12. Is-SE fakkar li kien hemm it-talba mill-kuntrattur tal-ġonna biex jitħallas għall-ħamrija li ma kienx ikkalkula fil-biċċa xogħol ta' tisbiħ li kienet saret fid-daħla ta' BIĊ. Għalkemm il-Kumitat qabel li ma kienx sewwa li ma ttiħditx in konsiderazzjoni tagħha minn qabel, ħass li, biex juri sens ta' rieda tajba, għandu jħallas l-ammont rikjest iżda jkun imwissi li darb'oħra ma jkunx aċċettat każ ieħor simili.

11.13. Is-Sinj. Cuomo infurmat li għall-korsijiet li organizza d-Dipartiment tal-Gvern Lokali żewġ persuni biss kienu attendew filwaqt li l-*lecturer* kien wasal tard ħafna. Hija sostniet li dan ma kienx aċċettabbli u għalhekk ma ħassitx li kellha tibqa' tattendi. Il-Kumitat qabel li għandha tintbagħat l-oġġezzjoni lid-Dipartiment f'dan is-sens.

## 12. TMIEM IL-LAQGĦA

12.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 16 ta' Jannar 2012 fil-5:30pm.

12.2. Il-laqgħa intemmet fil-10:55am.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |